MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 893/2008

**Mediacoop Ltd**

**Vs**

**Bonaci Media Entertainment Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie pprezentat fit-12 ta` Novembru, tas-sena 2008 fejn intalab sabiex is-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €105.54c, rapprezentanti prezz ta` reklamar ordnat mis-socjeta` konvenuta, liema ammont baqa` ma thallasx nonostante giet interpellata diversi drabi.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-fattura li tinsab ezebita ma` dan l-avviz bhala Dok. A.

Ra illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni

ghat-talba attrici u fil-fatt lanqas dehret ghas-seduta ta` llum 30 ta` Jannar, 2009.

Gie notat illi fl-istess seduta tat-30 ta` Jannar, 2009, is-socjeta` attrici pprezentat nota in forza ta` liema cediet l-ammont kapitali mitlub f`dina l-kawza in vista ta` pagament effettwit fil-mori tal-kawza pero` fl-istess hin zammet ferm u ppregudikat il-Kap ta` l-ispejjez u l-imghaxijiet kif mitluba.

Ra illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet imsejha sabiex tidher f`dawn il-proceduri ghas-seduta ta` llum, hija baqghet ma dehritx nonostante li giet imsejha diversi drabi.

Gie notat ukoll illi fuq talba ta` Dr. Chris Cini ghas-socjeta` attrici nsista illi l-kawza tithalla ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fil-waqt illi jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni ghar-rigward il-kwistjoni tas-sorte, stante pagament fil-mori ta` din il-kawza, jilqa` t-talba attrici in kwantu din tolqot l-imghaxijiet legali mitluba u ta` l-ispejjez u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-imghaxijiet legali relattivi dekorribbli mid-29 ta` Jannar, 2007 sad-data tal-hlas effettiv ghas-saldu u kif ukoll jordna illi l-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom ikunu a karigu ta` l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------